Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8440/20

ECOFIN 440
UEM 205
SOC 367
EMPL 286
COMPET 241
ENV 308
EDUC 227
RECH 207
ENER 179
JAI 439
FSTR 97
REGIO 128
GENDER 77
ANTIDISCRIM 70

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Nru dok. Cion: | ST 8194/20 - COM(2020) 521 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Polonja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tal-Polonja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 521 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Polonja tal-2020 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Polonja tal-2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

(1) Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, li tat bidu għas-Semestru Ewropew tal-2020 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija ħadet kont debitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Fis-17 ta' Diċembru 2019, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih ma identifikatx lill-Polonja bħala wieħed mill-Istati Membri li jirrikjedi li jsirlu rieżami fil-fond.

(2) Ir-rapport dwar il-pajjiż tal-2020 għall-Polonja ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2020. Huwa vvaluta l-progress tal-Polonja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019[3] ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-2019"), is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Polonja lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa għall-2020.

(3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa uffiċjalment iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija dinjija. Din hija emerġenza serja tas-saħħa pubblika għaċ-ċittadini, is-soċjetajiet u l-ekonomiji. Qiegħda tpoġġi lis-sistemi tas-saħħa nazzjonali taħt pressjoni qawwija, tikkawża tfixkil fil-katini ta' provvista dinjija, toħloq volatilità fis-swieq finanzjarji, tiskatta xokkijiet fid-domanda tal-konsumatur u qed ikollha effetti negattivi f'diversi setturi. Qiegħda tkun ta' theddida għall-impjiegi u għad-dħul tan-nies kif ukoll għan-negozju tal-kumpaniji. Hija kkawżat xokk ekonomiku kbir li diġà qiegħed ikollu riperkussjonijiet serji fl-Unjoni. Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tappella għal reazzjoni ekonomika koordinata għall-kriżi, li tinvolvi l-atturi kollha fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni.

(4) Diversi Stati Membri ddikjaraw stat ta' emerġenza jew daħħlu miżuri ta' emerġenza. Jenħtieġ li kwalunkwe miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata, neċessarja, b'terminu ta' żmien limitat, u konformi ma' standards Ewropej u internazzjonali. Jenħtieġ li tkun soġġetta għal sorveljanza demokratika u skrutinju ġudizzjarju indipendenti.

---

[2] Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

[3] ĠU C 301, 5.9.2019, p. 123.

(5) Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola liberatorja ġenerali, kif previst fl-Artikolu 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 u fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[4], tiffaċilita l-koordinament tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni kkunsidrat li, meta titqies il-kriżi ekonomika qawwija mistennija bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, il-kondizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali kienu sodisfatti u talbet li l-Kunsill japprova din il-konklużjoni. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-ministri għall-finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Huma qablu li l-kriżi ekonomika qawwija tirrikjedi reazzjoni reżoluta, ambizzjuża u kkoordinata. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, sakemm dan ma jpoġġix fil-periklu s-sostenibbiltà fiskali fuq il-perjodu medju ta' żmien. Fil-każ tal-parti korrettiva, il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissospendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Din tippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment ikunu japplikaw filwaqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji ta' koordinazzjoni tal-politika fi ħdan il-qafas tal-Patt.

(6) Hija meħtieġa azzjoni kontinwa biex jiġi limitat u kkontrollat it-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa, jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija permezz ta' miżuri ta' sostenn għan-negozji u l-unitajiet domestiċi, u jiġu żgurati kondizzjonijiet adegwati ta' saħħa u sigurtà fil-postijiet tax-xogħol bil-għan li tinbeda mill-ġdid l-attività ekonomika. Jenħtieġ li l-Unjoni tuża b'mod sħiħ id-diversi għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri f'dawk l-oqsma. B'mod parallel, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex iħejju l-miżuri meħtieġa biex iġibu lura l-funzjonament normali tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna u t-tkabbir sostenibbli, jintegraw fost l-oħrajn it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u jieħdu tagħlimiet mill-kriżi.

---

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

(7) Il-kriżi tal-COVID-19 tefgħet enfasi fuq il-flessibbiltà li joffri s-suq intern ta' adattament għal sitwazzjonijiet straordinarji. Madankollu, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni malajr u bla xkiel lejn il-fażi ta' rkupru u l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u ħaddiema, jenħtieġ li jitneħħew dawk il-miżuri eċċezzjonali li ma jħallux lis-suq intern jiffunzjona b'mod normali hekk kif dawn ma jibqgħux indispensabbli. Il-kriżi attwali wriet il-ħtieġa għal pjanijiet ta' tħejjija għal kriżijiet fis-settur tas-saħħa. Strateġiji ta' xiri mtejba, ktajjen ta' provvista diversifikati u riżervi strateġiċi ta' provvisti essenzjali huma fost l-elementi ewlenin għall-iżvilupp ta' pjanijiet usa' ta' tħejjija għall-kriżijiet.

(8) Il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà emenda l-oqfsa leġiżlattivi rilevanti permezz tar-Regolamenti (UE) 2020/460[5] u (UE) 2020/558[6] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti lill-Istati Membri jattivaw ir-riżorsi kollha mhux użati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-effetti eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Dawk l-emendi se jipprovdu flessibbiltà addizzjonali, kif ukoll proċeduri ssimplifikati u razzjonalizzati. Sabiex jittaffew il-pressjonijiet ta' nuqqas fil-flussi ta' flus, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll minn rata ta' kofinanzjament ta' 100 % mill-baġit tal-Unjoni fis-sena kontabilistika 2020-2021. Il-Polonja hija mħeġġa tagħmel użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet sabiex tingħata għajnuna lill-individwi u s-setturi l-aktar milquta.

---

5 Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID- 19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5).

6 Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1).

(9) Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 aktarx ma jitqassmux b'mod uniformi fit-territorji kollha minħabba xejriet ta' speċjalizzazzjoni differenti. Dan jinvolvi riskju li jinfirxu aktar l-inugwaljanzi territorjali fil-Polonja. Flimkien mar-riskju li l-proċess ta' konverġenza bejn l-Istati Membri jisfaxxa temporanjament, is-sitwazzjoni attwali titlob reazzjonijiet mmirati ta' politika.

(10) Il-Polonja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħha fid-29 ta' April 2020 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2020 tagħha fit-30 ta' April 2020. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.

(11) Bħalissa l-Polonja qiegħda fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(12) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lill-Polonja biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett[7] ma teċċedix il-4,2 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,6 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Il-valutazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni tikkonferma devjazzjoni sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament rakkomandat lejn l-objettiv baġitarju ta' żmien medju fl-2019 kif ukoll tal-2018 u l-2019 f'daqqa. Madankollu, fid-dawl tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali, mhumiex iġġustifikati passi ulterjuri bil-proċedura ta' devjazzjoni sinifikanti għall-Polonja.

(13) Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2020, il-Gvern qed jippjana li l-bilanċ nominali jiddeterjora minn defiċit ta' 0,7 % tal-PDG fl-2019 għal defiċit ta' 8,4 % tal-PDG fl-2020. Wara li naqas għal 46,0 % tal-PDG fl-2019, id-dejn tal-gvern estiż bħala proporzjon tal-PDG huwa mistenni li jiżdied għal 55,2 % fl-2020. Il-prospettiva makroekonomika u fiskali hija affettwata mill-inċertezza kbira minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

[7] In-nefqa primarja netta tal-gvern hija magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni li huma korrisposti b'mod sħiħ minn dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fuq in-nefqa tal-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata f'livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa huma esklużi.

(14) Bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, u bħala parti minn approċċ ikkoordinat tal-Unjoni, il-Polonja adottat miżuri baġitarji f'waqthom sabiex iżżid il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa tagħha, trażżan il-pandemija, u tipprovdi solliev lil dawk l-individwi u setturi li jkunu ntlaqtu b'mod partikolari. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2020, dawk il-miżuri baġitarji jammontaw għal 3,2 % tal-PDG u jinkludu allowances għall-persuni li jaħdmu għal rashom u impjegati b'kuntratti tax-xogħol mhux standard, li jeżentaw lill-kumpaniji mill-kontribuzzjonijiet soċjali (dawn għandhom jitħallsu mill-Istat), u sussidji għall-pagi għal ċerti kumpaniji. Barra minn hekk, il-Polonja ħabbret miżuri li, filwaqt li ma għandhomx impatt baġitarju dirett, se jikkontribwixxu biex jipprovdu sostenn f'likwidità għan-negozji bħall-garanziji ta' self lill-intrapriżi. L-impatt fiskali tal-miżuri baġitarji pprovduti fil-Programm ta' Konverġenza jvarja l-aktar minħabba t-trattament tas-self lill-kumpaniji. Skont l-avviżi tal-awtoritajiet, it-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2020 huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li s-self ekwivalenti għal madwar 2¾ punti perċentwali tal-PDG se jiġi kkonvertit f'sussidji u b'hekk jiġi rreġistrat bħala nefqa fl-2020. B'mod ġenerali, il-miżuri li ħadet il-Polonja huma konformi mal-linji-gwida stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020. L-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' emerġenza u ta' miżuri fiskali ta' appoġġ, segwita minn iffukar ġdid tal-politiki fiskali lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien, meta jkunu jippermettu l-kondizzjonijiet ekonomiċi, se jkunu ta' kontribut għall-preservazzjoni tas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju ta' żmien.

(15) Fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa tal-2020, jekk ma jkun hemm ebda tibdil ta' politika, il-bilanċ tal-gvern estiż tal-Polonja huwa mbassar li jkun ta' -9,5 % tal-PDG fl-2020 u -3,8 % tal-PDG fl-2021. Il-proporzjoni tad-dejn tal-gvern estiż huwa pprojettat li jibqa' taħt 60 % tal-PDG fl-2020 u fl-2021.

(16) Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat minħabba li l-Polonja qiegħda tippjana li taqbeż il-limitu fuq id-defiċit ta' 3 % tal-PDG fl-2020. B'mod ġenerali, l-analiżi mill-Kummissjoni tindika li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ma twettaqx.

(17) It-tifqigħa tal-COVID-19 tefgħet lill-Polonja f'sitwazzjoni soċjali u ekonomika ġdida. Għall-ewwel darba fi kważi tliet deċennji, hija prevista reċessjoni għall-2020. Skont id-data pprovduta mill-Gvern, l-impatt tal-pandemija fuq is-saħħa tal-popolazzjoni kien kollox ma' kollox baxx, fosthom minħabba adozzjoni bikrija ta' miżuri bla preċedent bħall-kwarantina stretta u t-tbegħid soċjali. Sa issa, l-aktar konsegwenzi negattivi ġew osservati fis-settur tas-servizzi (inkluż it-trasport, il-kummerċ tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa u d-divertiment), kif ukoll fil-manifattura, minħabba interruzzjonijiet fil-katini tal-provvista. Biex jagħmel tajjeb għall-impatt ekonomiku tar-restrizzjonijiet imposti, il-Gvern nieda sett ta' miżuri li jammontaw għal madwar 9 % tal-PDG tal-Polonja (miżuri li jżidu d-defiċit u miżuri ta' likwidità f'daqqa), li jinkludu l-finanzjament mill-Unjoni. Dan huwa sostnut ukoll mill-miżuri ta' provvediment ta' likwidità tal-Bank Nazzjonali tal-Polonja. Is-sostenn tal-Gvern jiffoka fuq l-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija fi żmien qasir permezz tas-sostenn għall-introjti tal-impjegati, l-għoti ta' finanzjament lin-negozji li qed jiffaċċaw tnaqqis fid-dħul, it-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-kapaċità ta' reazzjoni tas-settur tas-saħħa, u t-tisħiħ tas-sistema finanzjarja. Tinkludi wkoll programmi ta' investiment għas-sostenn tal-irkupru ekonomiku fi żmien medju. Id-domanda pubblika għar-reazzjoni politika, inkluż permezz ta' eżenzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, benefiċċji għall-impjegati f'kumpaniji li qed jissospendu l-attività tagħhom u aċċess għas-self għall-mikrointrapriżi hija għolja. Il-pandemija tal-COVID-19 hija mistennija li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-PDG b'4,3 % fl-2020, segwit bi rkupru ta' 4,1 % fl-2021.

(18) Il-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha l-bżonn li jiġu implimentati miżuri bla preċedent fis-sistema tas-saħħa. Saru nefqiet konsiderevoli bħax-xiri ta' tagħmir u provvisti relatati mas-saħħa, żdiedet il-kapaċità tal-isptarijiet u l-laboratorji, kif ukoll issaħħet il-kapaċità tal-persunal. Hemm bżonn ukoll allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali biex jikkumpensaw għal servizzi tas-saħħa u investimenti oħra li ġew posposti jew ridiretti. Qabel it-tifqigħa tal-COVID-19, in-nefqa pubblika fis-sistema tas-saħħa kienet 4,8 % tal-PDG, taħt il-medja tal-Unjoni ta' 7 % tal-PDG fl-2018. Dan, flimkien ma' allokazzjoni mhux mill-aqwa tal-fondi, jostakola t-tħaddim tas-sistema tas-saħħa u l-aċċess għaliha. Fl-2018, il-proporzjon tal-popolazzjoni Pollakka li rrapportat ħtiġijiet mhux issodisfati għal analiżijiet mediċi kien jammonta għal 4,2 %, sostanzjalment ogħla mit-2 % fil-livell tal-Unjoni. L-għadd ta' tobba u infermiera prattikanti meta mqabbel mal-popolazzjoni huwa fost l-aktar baxx fl-Unjoni u d-distribuzzjoni tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa mhijiex indaqs fil-pajjiż kollu. Is-saħħa pubblika, is-saħħa elettronika u l-kura primarja, li huma kruċjali biex jittejbu l-prevenzjoni u l-aċċess, u biex is-sistema ssir reżiljenti għall-isfidi fil-futur, għadhom sottożviluppati. Il-pandemija kellha impatt fuq il-faċilitajiet ta' kura fit-tul fejn bosta mir-residenti tagħhom huma grupp ta' riskju għoli.

(19) Il-pandemija tal-COVID-19 se jkollha impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol, li se jibdel ix-xejra fir-rigward tat-tnaqqis fil-qgħad ta' dawn l-aħħar snin. Ir-rata tal-qgħad hija mistennija li ma tibqax ta' 3,3 % bħalma kienet fl-2019 u tiżdied għal madwar 7,5 % fl-2020, u tirkupra daqsxejn għal 5,3 % fl-2021. Ir-riskju huwa li dan l-impatt fi żmien qasir isir aktar strutturat fi żmien medju, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli. L-iskema temporanja ta' xogħol b'ħinijiet iqsar tista' tkun għodda effettiva biex jiġu ppreservati l-impjiegi, b'biżżejjed inċentivi biex il-kumpaniji japplikawha. Fl-istess waqt, minkejja l-iżviluppi favorevoli qabel ma feġġet il-kriżi tal-COVID-19, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' xi gruppi, speċjalment in-nisa, il-persuni bi ftit ħiliet, il-persuni avvanzati fl-età u l-persuni b'diżabbiltà u dawk li jieħdu ħsiebhom, baqgħet baxxa. Il-migrazzjoni minn pajjiżi li mhumiex fl-Unjoni għenet biex jitrażżan in-nuqqas ta' ħaddiema, iżda jaf ikun diffiċli li jinkiseb influss kontinwu ta' ħaddiema migranti kaġun tar-restrizzjonijiet tal-kontrolli fil-fruntieri. It-titjib tal-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, fosthom ix-xogħol mill-bogħod u skemi ta' xogħol b'ħinijiet flessibbli, b'mod partikolari fl-ambitu ta' tipi permanenti ta' impjiegi, jista' għalhekk jgħin fir-reazzjoni għall-kriżi kif ukoll jgħin fis-sostenn lill-gruppi b'rati aktar baxxi ta' attività biex isibu impjieg permanenti. Dan itejjeb ukoll ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol matul kull tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fil-futur.

(20) Biex jitnaqqsu l-impatti soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 hemm bżonn ta' xbieki ta' sikurezza sostanzjali biex il-koeżjoni soċjali tiġi sostnuta u biex jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku. F'dawn l-aħħar snin, il-Polonja nediet programm estensiv ta' trasferimenti soċjali, inklużi l-allowances universali għat-tfal u l-benefiċċju addizzjonali ta' darba li għandu jitħallas kull sena lill-pensjonanti, li jammonta għal kważi 2,5 % tal-PDG kull sena. Dawn il-miżuri jħallu lok għal immirar aħjar tal-protezzjoni soċjali. Fl-istess waqt, il-kopertura tal-benefiċċji soċjali hija baxxa għall-persuni bl-aktar introjti baxxi. L-akbar żieda fil-faqar estrem irrappurtata fl-2019 mill-istħarriġ dwar il-baġit tal-unitajiet domestiċi ġiet osservata fir-rigward tal-persuni jew familji li jgħixu fuq l-allowances (li mhumiex pensjonijiet u pensjonijiet għad-diżabilità), li jindika dgħufijiet fis-sistema tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, mhux it-tipi kollha ta' kuntratti tax-xogħol jipprovdu aċċess għall-protezzjoni soċjali, bħall-benefiċċji adegwati għall-qgħad, għall-maternità, għall-mard u għall-invalidità. Dan iwassal biex xi ħaddiema milquta mill-miżuri ta' emerġenza jsiru aktar vulnerabbli u jpoġġihom f'riskju li jaqgħu fil-faqar. Barra minn hekk, il-livell ta' benefiċċji tad-dħul minimu huwa taħt il-medja tal-Unjoni.

(21) Is-sospensjoni għal għarrieda tal-lezzjonijiet fil-livelli edukattivi kollha ġabet magħha sfidi għas-sistema edukattiva biex jibda jsir tagħlim mill-bogħod. Sabiex jiġu evitati l-inugwaljanzi li qed jikbru, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-istudenti kollha, b'mod partikolari minn ambjenti żvantaġġati, ikollhom aċċess għat-tagħlim mill-bogħod. Madankollu, fl-2018 il-familji ta' kważi 330 000 student ma kinux attrezzati b'kompjuter b'aċċess għall-internet. Għadd sinifikanti ta' għalliema ma għandhomx il-ħiliet biex jipprovdu tagħlim diġitali. Fl-istess waqt, bosta ġenituri jsibuha diffiċli li jsostnu lil uliedhom fit-tagħlim diġitali u l-iskola mid-dar. It-tkomplija tal-miżuri biex l-iskejjel u l-għalliema jiġu attrezzati b'infrastruttura diġitali u materjali għat-tagħlim online tindirizza wħud minn dawk il-kwistjonijiet u tiżgura l-kwalità. Il-kriżi tal-COVID-19 toħroġ fil-beraħ l-isfida strutturali kumplessiva fir-rigward tal-kisba tal-ħiliet diġitali, billi daqs nofs il-popolazzjoni adulta ma għandhiex ħiliet diġitali bażiċi, u s-sehem kumplessiv tal-adulti fit-tagħlim huwa sinifikament anqas mill-medja tal-Unjoni. Ir-riformi reċenti fl-edukazzjoni vokazzjonali ma tawx biżżejjed inċentiv lil min iħaddem biex jieħdu sehem fiha u t-taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol għadu mhux użat biżżejjed. L-iskarsezzi li qed jibdew ifeġġu fir-rigward tal-għalliema jindikaw il-bżonn li l-professjoni tal-għalliema ssir waħda li tattira aktar nies.

(22) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt aħrax fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-negozji, speċjalment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi. L-offerta ta' arranġamenti ta' ħidma mill-bogħod tirrappreżenta sfida, u 10 % biss mill-intrapriżi Pollakki huma diġitalizzati biżżejjed biex ikunu jistgħu jadattaw malajr għal dawn il-kundizzjonijiet ġodda. Wieħed mill-ostakli ewlenin għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs huma l-livelli baxxi ta' għarfien diġitali fost is-sidien, il-maniġers u l-impjegati. L-użu tat-teknoloġiji diġitali fl-amministrazzjoni pubblika huwa essenzjali biex jiġi żgurat li jiġu pprovduti s-servizzi tal-Gvern kif ukoll biex il-miżuri meħtieġa jiġu orjentati fid-direzzjoni tal-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-kriżi. Barra minn hekk, is-servizzi pubbliċi diġitali effiċjenti jwasslu għal tnaqqis tal-piż regolatorju u amministrattiv mhux meħtieġ, li jista' jkun kruċjali fil-fażi tal-irkupru.

(23) Sabiex jittaffa l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, il-Gvern Pollakk offra sostenn sostanzjali f'likwidità permezz tal-garanziji, self u għotjiet finanzjarji b'kondizzjonijiet lill-kumpaniji milquta, b'attenzjoni fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi. Il-miżuri tal-Gvern huma sostnuti mill-Bank Nazzjonali tal-Polonja, fosthom permezz tal-programm ta' xiri tal-bonds tat-teżor fis-suq sekondarju u tnaqqis konsiderevoli tar-rati tal-imgħax. L-implimentazzjoni effettiva u f'qasir żmien ta' dawk il-miżuri u t-trasmissjoni effettiva tagħhom mill-intermedjarji huma essenzjali biex is-settur tan-negozju jingħata palata biex jibqa' jopera u biex jiġi ffaċilitat l-irkupru. Matul il-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri, jeħtieġ li titqies ir-reżiljenza tas-settur bankarju u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jeħtieġ li tiġi mmonitorjata. Il-possibbiltà li jkun hemm differiment tal-ħlas tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali u t-tħaffif tal-pagamenti kuntrattwali mill-awtoritajiet pubbliċi wkoll jgħinu biex jittejjeb il-fluss ta' flus tal-kumpaniji milquta.

(24) Biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku, se jkun importanti li l-proġetti maturi ta' investiment pubbliku jiġu ffinanzjati b'mod aktar sostanzjali fil-bidu tagħhom, u li jiġi promoss l-investiment privat, inkluż permezz tar-riformi rilevanti. L-ekonomija tal-Polonja hija intensiva f'termini ta' karbonju u l-kwalità tal-arja hija fost l-aktar baxxa fl-Unjoni, u dan jirrappreżenta tħassib kbir ambjentali u għas-saħħa. Għaldaqstant huwa essenzjali li jkun hemm ippjanar u li jiġu adottati miżuri ambizzjużi fil-mument opportun skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima. Filwaqt li l-użu tal-internet bil-fibra fil-Polonja huwa 'l fuq mill-medja tal-Unjoni u sar progress sinifikanti fl-assorbiment tal-broadband ultraveloċi u mobbli fis-snin preċedenti, il-Polonja għadha 'l bogħod mill-miri ta' konnettività li ħadet impenn dwarhom. L-irkupru jista' jiġi sostnut ulterjorment permezz ta' investiment sinifikanti fl-infrastruttura tat-trasport sostenibbli biex tittejjeb il-konnettività bejn iż-żoni periferiċi u ċ-ċentri ta' attività ekonomika. Il-Polonja kulma jmur se tkun qed tiddependi fuq ix-xjenza u l-innovazzjoni biex tiżgura tkabbir ekonomiku u kompetittività sostenibbli fit-tul. L-infiq ġenerali fuq ir-riċerka u l-iżvilupp b'rabta mal-PDG għadu taħt il-medja tal-Unjoni u, minkejja l-progress evidenti f'għadd ta' komponenti tat-taħlita politika tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-pajjiż, il-kooperazzjoni bejn in-negozju u x-xjenza għadha ostaklu ewlieni fir-rotta tal-Polonja biex issaħħaħ l-innovazzjoni. L-ipprogrammar tal-Fond għal Transizzjoni Ġusta, li huwa s-suġġett ta' proposta tal-Kummissjoni, għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin lill-Polonja tindirizza xi wħud mill-isfidi li toffri t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, kif deskritt fl-Anness D tar-rapport dwar il-pajjiż għall-2020. Dan jippermetti lill-Polonja tagħmel l-aħjar użu minn dak il-Fond.

(25) Ambjent tan-negozju stabbli u prevedibbli u klima ta' investiment favorevoli jaqdu rwol importanti fi rkupru ekonomiku ta' wara l-pandemija. L-indipendenza, l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja huma komponenti essenzjali f'dan ir-rigward. Iċ-ċertezza tad-dritt, fosthom l-aċċess għall-qrati indipendenti, u l-fiduċja fil-kwalità u l-prevedibbiltà tal-politiki u l-istituzzjonijiet regolatorji huma wkoll fatturi kruċjali għall-operat tas-suq intern u għas-salvagwardjar tal-pożizzjoni tal-Polonja fil-katini ta' provvista Ewropej f'sitwazzjoni ta' wara l-pandemija. Minn barra diversi punti ta' tħassib li ilhom jeżistu rigward l-istat tad-dritt fil-Polonja li kienu ġew espressi mill-Kummissjoni, li wħud minnhom diġà ġew indirizzati f'deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, xi żviluppi li kien hemm dan l-aħħar iqajmu aktar tħassib, b'rabta mat-tħaddim tal-ordni ġuridiku Pollakk u tal-Unjoni.

(26) Ambjent regolatorju sod u stabbli huwa l-bażi biex jiġu sostnuti t-tkabbir ekonomiku u l-investiment tas-settur privat. In-nuqqas ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u mas-sħab soċjali kif suppost għandu effett detrimentali fuq l-istabbiltà u r-robustezza tal-ambjent tan-negozju, kif ukoll fuq il-kwalità tal-leġiżlazzjoni. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi saru obbligatorji għall-abbozzi ta' liġi proposti mill-Kunsill tal-Ministri, madankollu, jew ma jsirux inkella mhumiex obbligatorji għall-proposti li qed jużaw trejqiet alternattivi, bħas-sottomissjoni mill-Membri tal-Parlament. Din l-inkonsistenza qed ikollha piż ulterjuri fuq il-kwalità tal-leġiżlazzjoni li tirriżulta. Barra minn hekk, il-kwalità tad-djalogu soċjali marret għall-agħar, b'mod partikolari minħabba li ma kien hemm ebda konsultazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika jew inkella konsultazzjonijiet qosra ħafna. Jekk jiġi żgurat biżżejjed żmien għall-konsultazzjonijiet, jitjieb l-assorbiment tal-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati rigward il-liġijiet u d-dokumenti ta' politika u jitnaqqas l-għadd ta' liġijiet eżentati mill-konsultazzjonijiet, dan isaħħaħ l-involviment tas-sħab soċjali u jgħin biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet. Il-Kunsill għad-Djalogu Soċjali jikkostitwixxi qafas istituzzjonali għad-djalogu soċjali tripartitiku. Madankollu, id-dispożizzjonijiet legali adottati f'April 2020 idgħajfu l-awtonomija tas-sħab soċjali fil-Kunsill għad-Djalogu Soċjali u jeżisti riskju li jkomplu jiddeterjoraw l-effettività tad-djalogu soċjali fil-pajjiż.

(27) Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż magħmulin f'din ir-Rakkomandazzjoni ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020") jiffukaw fuq l-indirizzar tal-impatti soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u fuq l-iffaċilitar tal-irkupru ekonomiku, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 koprew ukoll riformi li huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali fuq perjodu ta' żmien medju sa dak twil. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 jibqgħu pertinenti u se jkomplu jiġu mmonitorjati matul is-Semestru Ewropew tas-sena d-dieħla. Dan jinkludi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 fir-rigward tal-politiki ekonomiċi relatati mal-investiment. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 kollha għandhom jitqiesu għall-ipprogrammar strateġiku tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, inkluż għal miżuri ta' mitigazzjoni u l-istrateġiji ta' ħruġ fir-rigward tal-kriżi kurrenti.

(28) Is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għal koordinazzjoni kontinwa tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-Unjoni, li jista' jkun ta' kontribut għal ekonomija sostenibbli. Fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħhom, l-Istati Membri vvalutaw il-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs). Billi tkun qed tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020, il-Polonja se tikkontribwixxi għall-progress lejn l-SDGs u għall-isforz komuni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà kompetittiva fl-Unjoni.

(29) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2020, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Polonja u ppubblikatha fir-rapport dwar il-pajjiż tal-2020. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza tal-2020, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Polonja fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni ħadet kont mhux biss tar-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Polonja, iżda wkoll tal-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li l-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni tissaħħaħ billi jingħata input, fuq livell tal-Unjoni , f'deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(30) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2020 u l-opinjoni tiegħu[8] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

[8] Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Polonja tieħu azzjoni fl-2020 u l-2021 biex:

1. Tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkunu jippermettu, issegwi politiki fiskali li għandhom l-għan li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fejn jidħol id-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment. Ittejjeb ir-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-effikaċja tas-sistema tas-saħħa, inkluż billi tipprovdi riżorsi suffiċjenti u taċċellera l-varar ta' servizzi tas-saħħa elettronika.

2. Tnaqqas l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi, b'mod partikolari billi ttejjeb l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli u għal żmien qasir. Tqiegħed aħjar il-benefiċċji soċjali fil-mira tagħha u tiżgura l-aċċess tagħhom minn dawk li għandhom bżonnhom. Ittejjeb il-kompetenzi diġitali. Tippromwovi aktar il-bidla diġitali tal-kumpaniji u l-amministrazzjoni pubblika.

3. Tissokta bl-isforzi biex tiggarantixxi aċċess għal finanzjament u l-likwidità lill-kumpaniji. Tiffinanzja b'mod sostanzjali fil-bidu tagħhom proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku. Tikkonċentra l-investiment fuq il-bidla diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura diġitali, l-użu u l-produzzjoni b'mod nadif u effiċjenti tal-enerġija, u t-trasport sostenibbli, li jikkontribwixxu għal dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija, inklużi r-reġjuni li joperaw bil-faħam.

4. Ittejjeb il-klima tal-investiment, b'mod partikolari billi tissalvagwardja l-indipendenza ġudizzjarja. Tiżgura konsultazzjonijiet pubbliċi effettivi u l-involviment tas-sħab soċjali fil-proċess tat-tfassil tal-politika.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*